MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2014

Numru. 1232/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR GODWIN SCERRI**

**VS**

**ANTHONY GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Anthony Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 443364 (M).

**Akkuzat talli:**

F'dawn il-gzejjer nhar it-23 ta` Novembru 2012 fil-hin ta` bejn in-nofs siegha ta` filghodu (12:30am) u s-siegha nieqes kwart ta` filghodu (12:45am) fi Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta:

1. Bil-hsieb li jaghmel delitt, wera dan il-hsieb u b'atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt ta` qtil volontarju fil-konfront ta` Mary Rose Rapinett, liema delitt ma giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu;

2. U aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi volontarjament hebb ghal persuna ta` Mary Rose Rapinett u kkagunalha feriti ta` natura hafifa salv x komplikazzjonijiet skont ma gie ccertifikat minn Dr. Chloe` Bugeja mic-centru tas-Sahha fil-Furjana;
3. Akkuzat ukoll li naqas milli jhares il-kondizzjonijiet imposti fuqu mill-Qorti li bih inghata l-helsien mill-arrest taht garanziji;

4. U aktar talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubbliku b'ghajjat u glied;

5. U aktar talli ma obdiex l-ordnijiet legittimi ta` awtorita` jew ta` wiehed inkarigat mis-servizz pubbliku jew ma halliex jew fixxklu waqt id-dmirijiet tieghu;

6. U aktar talli f'lok pubbliku jew miftuh ghal pubbliku, kien fis-sakra b'tali mod li ma setghax jiehu hsieb lilu innifsu;

7. Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta` htija tqis lill-imputat bhala recidiv;

8. Talli minghajr ordni jew skont il-ligi ta` awtorita` kompetenti u barra li fihom il-ligi taghti s-setgha lill-privat li jarresta lill-hati, arresta, zamm jew issekwestra lil Mary Rose Rapinett kontra l-volonta` taghha jew tajt post fejn din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata.

**Il-Qorti:**

Wara li semghet il-provi kollha prodotti u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li hadet in konsiderazzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet lilhom addebitati u wara li nghataw zmien xieraq ghall-ripensament fejn ikkonfermaw l-ammissjoni taghhom;

Wara li rat l-Artikoli 40 (1) (a), 41 (a), 211, 214, 218 (1) (a) (2), 221 (1), 579 (1) (2), 338 (dd), 338 (ee), 338 (ff), 382A, 383, 384, 386, 412C, 17, 23, 31, 49, 50, 86, 87 (1) (cc) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

**Ikkunsidrat:**

Illi minghajr ma l-Qorti tidhol ghall-mument fil-kwistjoni tal-*mens rea* rikjesta mil-Ligi sabiex tiddetermina l-kwistjoni ta` attentat omicidju u biss biex tillimita ruhha ghall-kwistjoni jekk grawx il-fatti li bihom huwa akkuzat l-imputat jew inkella jekk grawx dawn il-fatti b’mod differenti li bihom huwa akkuzat, dina l-Qorti ser tezamina x-xhieda kollha prodotta matul l-*iter* tal-kawza.

Illi l-Prosekuzzjoni hija avvantaggjata stante li l-maggoranza tax-xhieda taghha, hlief naturalment, il-vittma ta` dana l-incident, Mary Rose Rapinett, huma membri tal-Korp tal-Pulizija li accede fuq is-*scene of crime* u qabdu *in-flagrante* lill-imputat b’idejh madwar ghonq Mary Rose Rapinett u kien l-intervent attiv taghhom illi impedixxa lill-imputat milli jwettaq dak illi filfatt huwa beda.

PS343 Glen Carabott: Illi l-Pulizija irceviet telefonata illi fejn il-McDonalds gewwa Republic Street, kien hemm mara qiedgha tigi msawta. Marru fuq il-post u sabu lill-imputat izomm lil Mary Rose Rapinett f’kantuniera minn ghanqha. Il-flokk tieghu kien mimli demm, li, bid-demm f’wiccha u fuq hwejjigha, huwa irresista l-arrest.

WPC290 Kimberly Cutajar: Illi din ix-xhud tikkonferma x-xhieda moghtija minn PS343 Glen Carabott fl-ampjenza taghha. Hija wkoll akkumpanjat lill-vittma gewwa l-*polyclinic*. Hija kienet akkumpanjat lill-PS343 fuq il-post tal-incident. L-unika differenza u dipartenza ta` dina x-xhieda minn dik ta` PS343 hija li dina x-xhud tghid illi l-imputat kien qieghed jghannaq lill-vittma u mhux jipprova jiffgaha.

PC1178 Christopher Cutajar: Illi dina x-xhieda hija simili ta` dik ta` WPC290. Skont dan ix-xhud, l-imputat kien qieghed jghannaq lill-vittma mieghu u mhux jifgah. Altrimenti huwa jikkonferma l-esistenza ta` demm fuq hwejjeg taz-zewg partecipanti u li l-imputat irresista l-arrest.

Gew ipprezentati bhala dokumenti l-okkorrenzi ta` dan l-incident.

L-iSpettur Godwin Scerri: Illi dana x-xhud minghajr ma kien fuq il-lok tal-incident, joqghod fuq ix-xhieda ta` PS343. Huwa ta zewg stqarrijiet minghand Anthony Galea fejn, fit-tnejn, ammetta li huwa kien qabad lil Mary Rose Rapinett minn ghanqa izda biss biex jiccajta. Galea irrifjuta li jafferma dawn l-istqarrijiet. PC710 Stephen Gulia tellgha bhala xhud ta` dawn l-istqarrijiet lil wkoll gew ezebiti fil-process.

Sostanzjalment, din hija x-xhieda tal-fatti li gabet il-Prosekuzzjoni. Wiehed ghandu jinnota li lkoll huma membri tal-Korp tal-Pulizija b'divergenza wahda sostanzjali u cioe` wiehed jghid illi Anthony Galea kien qieghed jifga lil Mary Rose Rapinett meta l-Pulizija waslu fuq il-post waqt li t-tnejn l-ohra jghidu li huwa kien qieghed jannaqha. L-iSpettur Godwin Scerri ma kienx fuq il-post tal-incident u, ghalhekk, ix-xhieda tieghu hija limitata biss ghall-stqarrijiet maghmula mill-imputat liema stqarrijiet huwa ma ffirmax u li fihom huwa nnega l-fatt illi huwa prova joqtol lil Rapinett. Wiehed ghandu jikkummenta li l-ewwel stqarrija tal-imputat ittiehdet fil-12:15pm tal-istess gurnata tal-incident u cioe` (11 ½) hdax il- siegha u nofs wara l-incident. Waqt illi l-imputat huwa rokorenti f'dan id-djalogu tieghu mal-ufficjal investigattiv, huwa, konvenjentament ma jiftakarx dak illi kien gara. Anzi, meta mistoqsi jekk huwa qatt dawwar idejh ma ghonq Rapinett jaghzel li ma jitkellimx. U din hija ferm indikattiva.

Xehdet ukoll Mary Rose Rapinett. Din ix-xhieda hija hafna determinanti stante illi dina tikkonferma li l-imputat, dak in-nhar tal-incident kien ta` daqqa go wiccha u pprova jifgaha. Hija tghid hekk, "X'hin gew il-Pulizija u nirringrazja lill-Mulej li gew ghaliex kieku llum il-gurnata minix hawn". Illi, ghalhekk, meta nergghu nezaminaw l-akkuzi migjuba mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat wiehed ghandu jigi ghal-konkluzjoni li, hlief ghall-akkuza ta` tentat ta` omicidju, l-akkuzi kollha l-ohra jissussistu inkluzi l-akkuzi 7 u 3 li huma r-ricediva (giet ipprezentata s-sentenza) u l-ksur tal-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest (gew ipprezentati l-kundizzjonijiet).

Illi tibqa l-akkuza ta` attentat omicidju. Il-Qorti qiedgha terga tosserva d-diskrepanza bejn ix-xhieda ta` PS343 u dik ta` WPC290 u PC1178. L-

imputat qieghed jghid illi huwa ma jiftakar xejn stante li, fil-hin tal-incident, kuwa kien taht l-influwenza tax-xorb, fatt illi l-avukat difensur tieghu tenna u rega` tenna fl-arringa taghha. Ill, ghalhekk wiehed ghandu jezamina x-xhieda medika f'dana l-istadju sabiex jiddetermina jekk il-feriti kkagunati lil Mary Rose Rapinett setghu jwasslu ghall-mewt taghha salv l-intervent propizju tal-forzi tal-ordni.

Dr. Kenneth Muscat: Jesebixxi certifikat mediku datat 23 ta` Novembru 2012 fis-sitta ta` filghaxija (06:00hrs) ta` Mary Rose Rapinett tal-Mater Dei illi jiddeskrivi biss daqqa fuq imnieher Rapinett u l-feriti bhala hfief salv komplikazzjonijiet. L-ebda marka fuq l-ghonq ma giet konstatata.

Dr. Chloe` Bugeja: Dina t-tabiba wkoll ticcertifika l-hsara. Ticcertifika ukoll *a presence of commotion marks around her neck line*. Tikklassifika dawn bhala hfief salv komplikazzjonijiet.

Dr. Mario Scerri: Ezamina lil Mary Rose Rapinett fit-23 ta` Novembru 2012. Il-feriti tal-ghonq jiddiskrivihom:

1. Id-dbengil deskritt madwar l-ghonq kien ilu li sar inqas minn gurnata u maghmul minn materjal li gie mdawwar madwar l-ghonq.

2. Id-dbengila deskritta fuq l-aspett posterjuri tal-ghonq hija *intradermal bruise* u cioe` dbengila maghmula minn fuq il-hwejjeg jew materjal iehor.

3. Huwa ta` natura hafifa izda izda l-lezjonijiet huma fuq partijiet tal-gisem li huma sensittiva.

Kwindi, x-xhieda forensika qieghda tikkonferma li l-forza uzata mill-imputat qatt ma kienet sufficjenti bizzejjed sabiex twassal ghall-mewt tal-vittma stante illi l-imputat qatt ma uza dik il-forza mehtiega sabiex twassal ghall-mewt. Inoltre, waqt illli l-imputat qatt ma cahad, kompletament, li huwa ghamel idejgh ma ghonq il-vittma huwa jghid illi dan ghamlu bic-cajt. Jidher illi, ghalhekk, l-imputat qatt ma kellu l-intenzjoni li jpoggi l-hajja tal-vittma fil-periklu u ghalhekk kien nieqes mill-*mens rea* li joqtol.

Illi, wkoll, l-inkonsistenza fix-xhieda tal-Pulizija ghandha twassal ghall-beneficcju tal-imputat fis-sens illi, mal-wasla tal-Pulizija, l-imputat nehha idejgh minn ma ghonq il-vittma u beda, ghat-taparsi, jannaqha mieghu. Minhabba dawn il-motivi, dina l-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Rigward il-piena, dina l-Qorti tikkundanna lill-imputat perjodu ta` sitt (6) xhur prigunerija li minnu ghandu jitnaqqas iz-zmien li hu ghamel taht arrest.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------